Qorti tal-Magistrati (Malta)

Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali

Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.

Il-Pulizija
[Spettur John Spiteri]
[Spettur Kylie Borg]

vs

-Omissis-

Kumpilazzjoni Numru: 354/2018

Illum, 10 ta' Marzu, 2025

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra **-Omissis-** detentur tal-karta tal-identità bin-numru -Omissis- akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, u/jew gewwa -Omissis- f'xi zminijiet bejn Gunju tas-sena 2017 u Marzu

tas-sena, 2018, b'diversi atti maghmulin minnu ukoll jekk fi zminijiet differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmul b'rizoluzzjoni wahda;

1. **B'ghemil zieni, kkorrompa persuna taht l-età u cioè -Omissis- ID -Omissis- liema delitt sar minn tutur jew minn haddiehor li lilu, imqar jekk ghal xi zmien ikun gie fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebu, jedukah, jghallmu, jindukrah jew izommu.**
   **Art. 203 (1)(c) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

2. **U aktar talli fl-istess dati, lok, hinijiet u cirkostanzi ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuni taht l-età u cioè -Omissis- ID -Omissis-;**
   **Art. 204C (1), Art. 208AC (1)(b), (2)(a), (d), (e) ta' Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta**

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurtà tal-vittma -Omissis- ID -Omissis- u tal-familja taghha.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ai termini tal-artikolu 412C tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Il-Qorti giet mitluba li jekk jidrilha xierqa tordna ordni ta' trattament skont Art 412D ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mil-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat l-ezami tal-imputat fil-prezentata fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-Fedina Penali tal-imputat li hija wahda netta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata disgha u ghoxrin (29) ta' Marzu, 2019 fejn fiha elenka l-Artikoli tal-Ligi li bihom jitlob li tinstab htija u cioè:-

1. Fl-artikoli 18, 31, 197 (4) b'referenza ghall-artikolu 203 (2), 203 (1)(c)(2)(3); u 209A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
2. Fl-artikoli 18, 31, 204C (1), 208AC (1)(b), 208AC (2)(a), 208B (1)(2)(2A)(2B) u 209A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 7, 8, 9, 16, 17, 18, 19, 20, 22, 23, 27, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta

Rat illi wara li l-Artikoli gew moqrija l-imputat ma kellu l-ebda oggezzjoni li din il-Qorti tittratta u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi xehed <u>l-Ispettur John Spiteri</u> li pprezenta l-fedina penali tal-imputat, certifikat tat-twelid tal-imputat kif ukoll tal-vittma minuri, rapport u stqarrija li ttiehdet b'mod awdjo-viziv. Jixhed li fit-tlieta (3) ta' Gunju 2018 kien dahal rapport gewwa l-Ghassa ta' Haz-Zebbug stante li gie infurmat mill-Ispettur Kylie Borg li certu -Omissis- u bintu -Omissis- wettqu rapport fuq allegazzjoni ta'

abbuz sesswali fuq minuri mis-sieheb tal-omm u cioè -Omissis-. Jixhed li hu kien baghat ghal missier u l-vittma minuri sabiex ikellimhom u sar jaf li l-missier sar jaf bl-allegazzjonijiet mit-tifla tieghu. Jghid li kien hemm tliet (3) incidenti li kienu jinvolvu l-massaggi kif ukoll attivitajiet sesswali. Ikompli jghid li darba minnhom l-akkuzat kien mess il-parti privata tal-vittma minuri kif ukoll sidirha u zewg (2) okkazjonijiet ohra li kienu simili. Izid jghid li missier il-vittma minuri kien dam biex jaghmel rapport fuq l-akkuzat sabiex jizgura ruhu li t-tifla ma kinitx qieghda tigdeb. Jixhed li l-missier kien halla ftit granet jghaddu meta rega' saqsa lill-vittma minuri dwar l-allegazzjonijiet u kienet konsistenti.

Ikompli jixhed li fl-erbgha (4) ta' Gunju 2018 hareg mandat t'arrest u tfittxija fil-konfront tal-akkuzat iffirmata mill-Magistrat tal-Ghassa Magistrat Dr Charmaine Galea. Izid jghid li l-akkuzat gie arrestat u gie mitkellem wara li nghata d-drittijiet kollha vigenti. Jixhed li waqt l-istqarrija fil-prezenza tal-Ispettur Kylie Borg l-akkuzat ammetta ghall-allegazzjonijiet li ghamlet il-vittma minuri. Jixhed li l-akkuzat spjega li kellu problema ta' xorb u li l-agir tieghu kien minhabba li kien ikun fis-sakra.

Illi xehdet il-vittma minuri **-Omissis-** bis-sitema awdjo-viziva u li kellha erbatax (14)-il sena meta sehh l-allegat reat. Tixhed li marret tirrapporta gewwa l-Ghassa u d-Depot stante li l-akkuzat -Omissis- kien ipprova jbaghbasha. Tixhed li l-akkuzat kien is-sieheb t'ommha. Tghid li dan l-atteggjament kien ilu jsehh fuq medda ta' ghaxar (10) xhur u li l-allegati incidenti kienu jsehhu fir-residenza tal-akkuzat u cioè gewwa s-Siggiewi. Tixhed li kien hemm erba' (4) incidenti li sehhew fejn l-ewwel (1) darba sehh meta kienet iffissata fuq il-massaggi u xtaqet twettaq massagg fuq l-akkuzat stante li kellu dahru jugghu. Izzid tghid li hi bdiet taghmillu l-massaggi fuq dahru meta talabha biex tkompli fuq saqajh. Tixhed li hi bdiet tiddejjaq u kien hemmhekk meta hu talabha biex tnehhilu l-qalziet sabiex iggerilu l-parti privata. Tghid li hi waqfet u telqet mill-kamra filwaqt li kienet bezghana. Tixhed li dan sehh fil-kamra tieghu u t'ommha billejl u li dak il-hin ommha kienet qieghda tonxor.

Tkompli tixhed li t-tieni (2) incident sehh meta hu xtara zejt apposta ghall-massaggi u ppruvah fuqha. Tghid li dan sehh quddiem ommha u wara li qaltilha bl-ewwel (1) incident. Tixhed però li ommha ma emmnitiex. Tixhed li fil-fatt ommha ma qaghditx maghha waqt li l-akkuzat kien qieghed jghamillha l-

massaggi u fil-fatt kien messilha l-parti privata taghha kif ukoll sidirha. Tghid li ftit wara, meta kienu gew lura minn harga ghand in-nanna, ommha qaltilha biex tqatta' ftit hin mal-akkuzat stante li nnutat li kienet ilha ma tkellmu. Izzid tghid li ghalhekk marret tpoggi bilqieghda hdejn l-akkuzat fuq is-sufan u hu dawwar idejh maghha. Wara ftit hin hu beda jmissilha sidirha kif ukoll il-parti privata taghha u dan minn fuq il-hwejjeg.

Tkompli tixhed li r-raba' (4) darba li sehh incident simili kien meta hi kienet hierga u kienet liebsa *crop top* u *sports bra* minn taht. Tghid li hin minnhom l-akkuzat gie u qalilha li dak il-flok ma kienx dicenti biex tohrog bih u pprova jghollihulha. Izzid tghid li hi qalet b'dan kollu lil ommha izda regghet ma gietx emmnuta. Tghid li kien ghalhekk li qalet b'dan kollu lil missierha u hu pprosegwa biex jevalwa s-sitwazzjoni sabiex jivverifika jekk kinitx qieghda tigdeb u b'hekk waslu sal-kawza odjerna. Tkompli tghid li hi kkonfrontat lill-akkuzat f'mument minnhom sabiex tghidlu li minhabba fih mhix ser tibqa' tara lil ommha u lil huha. Tghid li matul din il-konverzazzjoni setghet tinnota li l-akkuzat kien fi stat panikuz u implikalha li kien anke ammetta dan l-agir m'ommha. Tippreciza li meta l-ewwel (1) incident sehh kien fi zmien li kienu ghadhom ser jibdew l-iskola u li kienu ghaddew ftit gimghat bejn l-ewwel (1) u

t-tieni (2) incident. Tixhed li fit-tieni (2) darba hi kienet liebsa pigama tas-sajf u kienet ghadha kif harget mix-*shower*. Tixhed li l-massagg li wettaq hu fuqha kien beda fuq il-flokk imbghad dahhal idu tahtu.

Inkontroezami tghid li hi kienet tirrispetta lill-akkuzat daqs li kieku hu kien missierha tant li hi kienet tuza l-kelma "daddy". Tikkonferma mill-gdid li hi kienet tghid lil ommha dwar l-allegati incidenti b'mod dettaljat. Tixhed li kienet hi li offriet biex taghti massagg lill-akkuzat u dan meta kien hemm ommha u huha gor-residenza. Tippreciza li hi bdiet taghti massagg lill-akkuzat waqt li hu kien wiccu 'l isfel stante li bdiet minn dahru. Tichad li l-akkuzat qalilha li kellu zaqqu tugghu. Tghid li xhin telqet minn hdejn l-akkuzat mill-ewwel marret tavza lil ommha dwar dan l-incident izda hi m'emmnithiex. Tghid li rigward it-tieni (2) incident kien l-akkuzat li qalilha biex hi taghmillu massagg. Tixhed li sakemm telqet mid-dar baqghet tghid lill-akkuzat "daddy" u dan stante li kienet tibza' minnu. Tichad li kienet hi li nsistiet sabiex twettaq massagg fuq l-akkuzat. Tippreciza li fit-tieni (2) incident hi kienet liebsa flokk u qalziet meta l-akkuzat poggielha xugaman fuqha.

Tkompli tghid inkontroezami li rigward it-tielet (3) incident li l-akkuzat kien fuq is-sufan l-ewwel u hi marret tpoggi hdejh biex ma tkomplix tisma' l-insistenzi t'ommha u dan minkejja li kienet tibza' mill-akkuzat. Tixhed li l-akkuzat kien bilqieghda fuq is-sufan u hi marret timdedd fuqu. Izzid tghid li missierha kien saqsiha diversi drabi dwar dawn l-incidenti sabiex jizgura ruhu li ma jkunx ser jaghmel allegazzjonijiet foloz. Tghid li hi infurmat lil missierha b'dan kollu qabel ma telqet mir-residenza tal-akkuzat. Tghid ukoll li dak iz-zmien kienet qieghda targumenta ta' spiss m'ommha rigward habiba li kellha influenza hazina fuqha. Tghid li ma' din il-habiba l-kwistjoni kienet dwar ix-xorb alkoholiku kif ukoll il-hin ta' hrug. Tichad li l-akkuzat kien jikkoregiha dwar ix-xorb izda kien hu stess igibilha x-xorb alkoholiku. Tghid però li rigward il-hin hu kien jikkoregiha.

Izzid tghid li hi kienet hadet interess fil-massaggi stante li rat filmat fuq YouTube u ommha kienet anke xtratilha ktieb dwar dan is-suggett. Tkompli tghid li ommha u missierha kienu jiggieldu minhabba fiha u mhux minhabba kwistjonijiet li ghandhom x'jaqsmu mal-Awtorità tad-Djar. Izzid tghid li hi u ommha ma kinux jghixu fir-residenza tal-akkuzat b'mod permanenti izda gieli raqdu hemmhekk tliet (3) darbiet fil-gimgha. Tikkonferma li hi u

huha kellhom kmamar ghalihom fir-residenza tal-akkuzat izda ma kellhiex l-affarijiet kollha taghha. Izzid tghid li l-akkuzat ammetta m'ommha fuq dawn l-allegazzjonijiet dakinhar li hi qaltlu li se titlaq mir-residenza tieghu. Tghid li hi telqet l-ghada fil-fatt. Tixhed li llum il-gurnata hi tghix ma' missierha u ma' zitha. Izzid tghid li dak iz-zmien kellha gharus u kienu jiltaqghu ghand ommha u l-akkuzat kien jaf bih stante li kienet tghidlu dwaru. Tixhed li hi ma xtaqitx tlaqqa' l-gharus mal-akkuzat.

Illi xehdet **<u>-Omissis-</u>** li tigi omm il-vittma minuri u tghid li l-ewwel (1) darba li bintha avvicinatha rigward l-allegati incidenti hi kienet qieghda tonxor u ma tatx kaz ta' x'riedet tghidilha. Tghid li dan sehh fl-ahhar ta' Settembru tas-sena 2017. Tixhed li dak iz-zmien hi u l-akkuzat kienu ilhom madwar seba' (7) jew tmin (8) xhur ma jkunu intimi stante li l-akkuzat kellu problema. Tghid li dakinhar il-vittma minuri giet tghidilha li l-akkuzat kien erett hekk kif kienet qieghda twettaq massagg fuqu. Tghid li hi ma qisitx il-kliem ta' bintha stante li kienet ghadha zghira wisq biex tifhem f'dawn l-affarijiet. Tghid li wara li ghadda z-zmien bintha qaltilha bl-allegati incidenti l-ohra li saru. Tghid li hi ma stennietx dan l-agir mill-akkuzat stante li hu dejjem ha hsiebhom u hi dejjem irrispettatu. Tghid li kollox kien sew sa meta bintha kellmet lil missierha.

Tikkonferma wkoll li anke l-missier ma stenniex dan l-agir mill-akkuzat. Tghid li l-missier baqa' jistaqsi lill-vittma minuri rigward l-incidenti u hi dejjem baqghet konsistenti fi kliemha. Tghid li kien ghalhekk li hi u missier il-vittma minuri ddecidew biex jiehdu l-passi kontra l-akkuzat. Tikkonferma li l-akkuzat kellu problemi li jirnexxilu jkun erett. Tghid li matul dan il-perjodu hi qatt ma avvicinat lill-akkuzat sabiex tkellmu dwar dawn l-allegazzjonijiet hlief ghal darba meta t-tifla kienet se titlaq mir-residenza stante li ma hassithiex komda fil-prezenza tieghu. Tixhed li llum bintha qieghda torqod maz-zijiet taghha u li llum il-gurnata anke hi telqet mir-residenza tal-akkuzat. Tixhed li meta kellmet lill-akkuzat flimkien mal-vittma minuri rigward l-allegati reati nnutat li l-akkuzat kien fi stat ta' paniku u nkwiet. Tghid li l-unika haga li qal l-akkuzat kienet li kien erett. Izzid tghid li okkazjoni ohra li sehhet qabel ma sar ir-rapport fil-konfront tal-akkuzat kienet meta l-istess akkuzat kien gholla l-flokk tal-vittma minuri meta kienet hierga barra liebsa *crop top*. Tixhed li hi kienet prezenti f'din l-okkazjoni.

Inkontroezami tghid li bintha kienet interessata f'affarijiet bhal *make up* u massaggi u li kienet il-vittma minuri li offriet twettaq massagg fuq l-akkuzat stante li l-istess akkuzat kien ilu jilmenta

li kien mugugh f'dahru. Tikkonferma li b'referenza ghat-tieni (2) incident kien l-akkuzat li talab li l-vittma minuri twettaq massagg fuqu, tant kien hekk li kien hu li xtara flixkun ta' zejt apposta ghall-massaggi. Tixhed li l-akkuzat minn dejjem kien ifissed lit-tfal kif ukoll lilha specjalment meta kienu jintefghu fuq is-sufan. Tghid li mhux l-ewwel darba li l-vittma minuri tkun trid tpoggi hdejn l-akkuzat. Tikkonferma li kien hemm zmien li kemm hi kif ukoll l-akkuzat kienu jikkoregu lill-vittma minuri sabiex tqis il-bzonnijiet ta' haddiehor meta tistieden il-hbieb taghha gor-residenza tal-akkuzat. Dan minhabba l-fatt li kienet titratta r-residenza bhala lukanda filwaqt li shabha anke kienu jisirqu xi oggetti. Tixhed li meta l-akkuzat kien ifissed lill-vittma minuri fuq is-sufan hi qatt ma rat xejn hazin. Tippreciza li missier il-vittma minuri kellu habta jhedded b'rapporti fil-konfront taghha fuq affarijiet zghar.

Inkontroezami tkompli tghid li r-relazzjoni bejnha u bejn l-akkuzat kienet wahda tajba. Tikkonferma li fiz-zmien li sehh l-ewwel (1) allegat incident hi u l-akkuzat ma kinux intimi lejn xulxin stante problema tal-ftuq kif ukoll problema ohra u cioè li jkun erett. Izzid tghid li r-relazzjoni bejn l-akkuzat u l-eks ragel taghha (cioè l-missier naturali tal-vittma minuri) kienet wahda tajba sa fejn taf hi. Tixhed li tant kienet tajba li kienu jitkellmu bejniethom

kif ukoll jieklu flimkien. Tghid li meta kien hemm ic-celebrazzjoni tal-Grizma tal-vittma minuri kemm il-missier kif ukoll l-akkuzat xorbu flimkien. Tghid li ma kienx hemm problemi fuq kwistjonijiet t'access tat-tifla.

Illi xehed <u>**-Omissis-**</u> li jghid li omm il-vittma minuri kienet dejjem tikkomunika mieghu sabiex tavzah li -Omissis- ma kinitx iggib ruhha sew. Kien ghalhekk li hu ddecieda biex ikellem lit-tifla sabiex jipprova jiddixxiplinaha u jgieghelha ttejjeb ir-rizultati taghha. Jghid li meta ltaqa' mat-tifla hi xtaqet tkellmu wkoll rigward l-ahhar ghaxar (10) xhur ta' allegat abbuz da parti tal-akkuzat. Jghid li l-vittma minuri stqarret mieghu li l-akkuzat kien talabha sabiex taghmillu l-massaggi waqt li ommha kienet qieghda tonxor. Jghid li eventwalment l-akkuzat talabha sabiex twettaq massaggi fuq il-parti privata tieghu. Jghid li meta stqarret dan m'ommha, hi ma gietx emmnuta. Jghid li t-tieni (2) darba li sehh xi haga simili kienet meta l-akkuzat xtara zejt tal-massaggi u xtaq jaghmel il-massaggi fuq il-vittma minuri. Jixhed li t-tifla stqarret mieghu li l-akkuzat ipprosegwa biex jaghmillha massaggi b'dana li kien qieghed imiss il-parti privata taghha kif ukoll sidirha. Kien ghalhekk li l-vittma minuri waqfet lill-akkuzat u telqet barra mill-kamra. Izid jghid li t-tielet (3) darba kien meta l-omm qalet lill-vittma minuri sabiex

toqghod hdejn l-akkuzat fuq is-sufan. Kien hemmhekk li l-akkuzat pprosegwa sabiex imissilha sidirha. Ir-raba' (4) incident kien meta l-vittma minuri kienet hierga mid-dar b'flokk qasir u l-akkuzat waqqafha u ghollielha l-flokk filwaqt li jikkummenta li l-flokk mhuwiex dicenti ghal tifla tal-età taghha. Ikompli jixhed li hu ma aggixxiex mill-ewwel fuq dawn l-incidenti stante li ma xtaqx jghaggel u jinkrimina lil xi hadd izda wara gimaghtejn mar ikellem lill-omm il-vittma minuri kif ukoll lill-vittma minuri li dejjem irrepetiet l-istess dettalji.

Ikompli jixhed li l-istess dettalji ntqalu mit-tifla wkoll gol-Ghassa ta' Haz-Zebbug. Ikompli jixhed li hu kien jafda lill-akkuzat u qatt ma basar li din il-persuna kien kapaci jaghmel dawn l-affarijiet. Izid jghid li kien hemm zmien meta l-vittma minuri hassitha li kienet qieghda tigi segwita minn xi hadd go vann.

Illi xehdet **<u>l-Ispettur Kylie Borg</u>** li tghid li fit-tlieta (3) ta' Gunju 2018 kienet l-Ispettur tal-Ghassa gewwa l-Ghassa ta' Haz-Zebbug meta gie certu -Omissis- li stqarr mal-Pulizija li t-tifla tieghu kienet kellmitu rigward l-allegat abbuz li kien sar mis-sieheb tal-eks-mara tieghu u cioè -Omissis-. Tixhed li -Omissis- stqarr maghha li dan l-abbuz kien beda madwar ghaxar (10) xhur qabel u dan

meta l-vittma minuri -Omissis- kienet marret toqghod m'ommha gewwa s-Siggiewi u kien hemm l-akkuzat -Omissis- prezenti. Tghid li l-vittma minuri stqarret maghha li ma setghetx tiftakar id-dati izda setghet tidhol fid-dettal dwar kif l-akkuzat kien talabha sabiex hi ttih massagg filwaqt li talab sabiex tnizzillu l-qalziet u ggerrilu l-parti privata tieghu. Tixhed li okkazjoni ohra kienet meta l-vittma minuri talbet lill-akkuzat sabiex jaghmel il-massaggi fuqha fil-prezenza t'ommha. Tghid li xhin telqet l-omm l-akkuzat beda jmiss il-parti privata tat-tifla kif ukoll sidirha. L-istess vittma minuri waqfet lill-akkuzat milli jkompli. Tixhed li incident iehor sehh meta l-akkuzat kien ipprova jnehhilha flokk li kienet liebsa. Izzid tghid li kien hemm darba ohra meta waqt li kienet qieghda tara t-televizjoni mal-akkuzat, l-istess akkuzat beda jmissilha sidirha izda hi waqfitu. Izzid tghid li meta l-vittma minuri kienet tghid lil ommha dwar x'allegatament gara hi ma kinitx tigi emmnuta.

Tkompli tixhed li l-akkuzat gie mitkellem minnha stess kif ukoll mill-Ispettur John Spiteri u dan wara li nghatalu d-drittijiet tieghu kollha vigenti. Tixhed li fl-istqarrija tieghu hu kkonferma li l-vittma minuri kienet tghix mieghu u kemm-il darba kienu jaraw it-televizjoni flimkien filwaqt li minghajr ma qaghad jispecifika u

jelabora stqarr li ddispjacih ta' dak li gara. Tixhed li fil-hamsa (5) ta' Gunju 2018 tressaq il-Qorti b'arrest.

Inkontroezami tghid li bejn il-missier naturali tal-vittma minuri u l-akkuzat kien hemm relazzjoni tajba tant li l-missier naturali ha z-zmien tieghu biex jaghmel rapport l-Ghassa. Tghid li kemm l-omm kif ukoll il-missier m'emmnux lill-vittma minuri mill-ewwel u dan sabiex ma jkunx hemm akkuzi foloz fil-konfront tal-akkuzat.

Illi xehed <u>**Dr Lennox Vella**</u> li gie inkarigat minn din il-Qorti sabiex jaghmel traskrizzjoni tal-istqarrija tal-akkuzat. Tali traskrizzjoni giet ipprezentata u mmarkata bhala Dok. LV1.

Illi xehdet <u>**WPC 278 Sherona Buhagiar**</u> li tghid li fit-tlieta (3) ta' Gunju 2018 fil-hamsa neqsin kwart l-Ispettur John Spiteri gie infurmat mill-Ispettur Kylie Borg li kien dahal rapport mill-Ghassa ta' Haz-Zebbug li certu -Omissis- allega li bintu -Omissis- kienet qieghda tigi abbuzata mis-sieheb tal-eks mara tieghu u cioè l-akkuzat -Omissis-. Tixhed li l-vittma minuri u missierha accedew gewwa l-Vice Squad u gew mitkellma mill-Ispettur Kylie Borg kif ukoll mill-Ispettur John Spiteri. Tixhed li l-vittma minuri stqarret li

hi taf lill-akkuzat stante li kien is-sieheb ta' ommha. Tkompli tixhed li l-vittma minuri kienet allegat li l-ewwel incident t'abbuz li sehh kien meta riedet taghmel massagg fuq l-akkuzat stante li kellu problemi f'dahru u kien hemmhekk li hu nehha l-qalziet u saqsiha sabiex timmasturbah. Tghid li t-tifla stqarret li hi rat il-parti privata tieghu. Tghid li t-tieni (2) incident kien meta l-akkuzat xtara zejt ghall-massaggi u xtaq jaghmel massagg fuq il-vittma minuri. Il-vittma minuri stqarret li filwaqt li ma hassithiex komda b'dan hi accettat bl-insistenza t'ommha. Stqarret ukoll li l-akkuzat ipprosegwa li jmissilha l-parti privata taghha kif ukoll sidirha. Tghid li t-tielet (3) incident sehh meta l-vittma minuri kienet hierga barra bi flokk qasir meta l-akkuzat tellghalha l-flokk waqt li kien fis-sakra. Izzid tghid li r-raba' (4) incident kien meta marret tara t-televizjoni fuq is-sufan mal-akkuzat u l-istess akkuzat beda jmissilha sidirha minn taht il-bra.

Tkompli tixhed li omm il-vittma minuri ma kinitx temmen lil bintha u filwaqt li l-missier naturali kien jaqbel mal-istess omm, it-tifla xorta hasset li kellha tirrepeti dawn id-dettalji kollha lill-istess missier naturali. Tghid li kien ghalhekk li l-missier naturali mar l-Ghassa sabiex jaghmel rapport. Tghid li fl-erbgha (4) ta' Gunju 2018 fis-sebgha ta' filghaxija gie arrestat l-akkuzat u kienet

prezenti flimkien ma' PS 1326 Roy Sciberras. Tghid li kienet infurmat lill-akkuzat fuq korruzzjoni tal-minuri u attivitajiet sesswali ma' minuri. Tikkonferma li l-akkuzat inghata d-drittijiet kollha vigenti fil-ligi u fil-fatt ghazel li jiehu d-dritt tal-assistenza legali.

Illi xehed PS 362 Wayne Borg li jghid li fit-tlieta (3) ta' Gunju 2018 kien sar rapport fl-Ghassa ta' Haz-Zebbug mill-vittma minuri li kellha l-età ta' erbatax (14)-il sena. Jghid li l-vittma minuri flimkien mal-genituri taghha rrappurtat li madwar ghaxar (10) xhur qabel is-sieheb ta' ommha, u cioè l-akkuzat -Omissis-, kien qieghed jikkorrompiha. Jghid li fost dawn l-affarijiet l-akkuzat kien talabha sabiex taghmillu massaggi u f'hin minnhom kien anke saqsiha biex iggerrilu l-parti privata tieghu. Jixhed li l-vittma stqarret li okkazjoni ohra kienet meta l-akkuzat ried jaghmel massaggi fuqha meta beda jmiss il-parti privata taghha kif ukoll sidirha. Kien hemmhekk li hi waqfitu u telqet barra mill-kamra. Jghid li stqarret ukoll li darba minnhom l-akkuzat kien gie minn warajha u gholla l-flokk taghha. Izid jghid li l-ahhar incident kien meta l-akkuzat kien qieghed jara t-televizjoni mal-vittma minuri meta beda jmiss is-sider taghha u hi regghet waqfitu. Jippreciza li dan l-ahhar

incident sehh madwar erba' (4) xhur qabel id-data li wettqet ir-rapport. Ipprezenta okkorrenza mmarkata bhala Dok. WB1.

Illi xehed l-akkuzat **-Omissis-** minn jeddu li jghid li kellu relazzjoni ma' omm il-vittma minuri u cioè -Omissis- u tali relazzjoni damet madwar tliet (3) snin u erba' (4) xhur. Jixhed li l-vittma minuri kienet qaltlu li kellha daharha jugaghha u xtaqitu li jaghmillha krema fuq daharha. Jghid li hu ghamel dan filwaqt li anke missilha sidirha minn taht ix-xugaman. Jixhed li dan gara darba wahda biss. Jixhed li wara dan ma kien gara xejn ghal madwar sena izda jghid li l-vittma minuri bdiet taghmel certu affarijiet u hu beda jzommilha d-dixxiplina. Jghid li minhabba f'hekk it-tifla rribellat kontrih u bdiet titkellem ma' missierha. Jghid li kien ghalhekk li l-missier wettaq rapport fil-konfront tieghu. Jghid ukoll li l-vittma minuri kellha madwar hmistax (15)-il sena meta sehh l-allegat incident u li hu qatt ma kien tela' l-Qorti fuq akkuzi simili kif ukoll qatt ma kellu problemi mal-Pulizija. Izid jghid li hu jahdem fis-settur tal-kostruzzjoni. Jixhed li dan il-kaz effettwah b'mod hazin stante li hu qatt ma kien ghamel dawn l-affarijiet f'hajtu.

Inkontroezami jixhed li hu ghadu jiddispjacih ta' dak kollu li gara. Jghid li hu qatt ma skuza ruhu mal-vittma minuri. Jixhed ukoll li hu

beda jzommilha anke qabel dan l-incident izda t-tifla kienet anke bdiet izzid it-tpingija fuq gisimha u kien ghalhekk li beda jzommilha iktar ir-riedni minn qabel.

<u>Ikkunsidrat</u>

Illi jinghad li dan il-kaz jistrieh fuq il-kredibilità tal-parte civile - Omissis- kif ikkorroborata mal-provi l-ohra mressqa mill-Prosekuzzjoni anke jekk l-imputat ammetta l-atti allegati ghalkemm zamm ftit lura mill-inqaqar u dan biex il-kaz ma jidhirx daqshekk gravi. Zewg affarijiet li din il-Qorti tikkonsidra meta tkun qed tanalizza tali xhieda ta' minuri huma dawk tal-idonejità taghha bhala xhud u l-veracità tat-testimonjanza taghha.

Illi fl-ewwel lok a rigward l-idonejità tal-minuri bhala xhud, tezisti gurisprudenza varja dwar dan il-kuncett. Illi fis-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fl-ismijiet <u>Il-Pulizija vs Giuzeppi Bonnici</u> datata 28 ta' Marzu 1949, gie stipulat hekk -

> *"Skond il-Ligi Maltija (art. 626 Kap. 12 [illum art. 630 Kap. 9]), hadd ma jista' jigi eskluz milli jaghti x-xhieda tieghu minhabba li ma jkollux xi età partikulari. Izda, tkompli*

*tghid il-Ligi ta' Malta, hemm bzonn li l-Qorti tkun sodisfatta illi x-xhud, ghalkemm mhux ta' l- età, jaf illi hija haga hazina li wiehed jixhed il-falz. Minbarra dan, hu wkoll ligi (art. 625 [illum 629] illi meta l-Qorti, minhabba l-età tax-xhud, ikollha dubju jekk hu jifhemx l- importanza tal-gurament, anki wara t-tifsir tal-Qorti, u jkun jidhrilha mehtieg illi x-xhud, qabel ma jixhed, ghandu jigi nfurmat ahjar dwar il-konsegwenzi ta' xhieda falza, hija tista', jekk fil-fehma taghha x-xhieda ta' dak ix-xhud hija rilevanti, thalli l-kawza ghal gurnata ohra;"*

Illi, ukoll il-kwistjoni tal-età tax-xhud, fuq l-iskorta tat-test tal-ligi u l-gurisprudenza varja, giet indirizzata minn Sir Anthony Mamo fin-*"__Notes on Criminal Procedure__"* b'dan il-mod:

*"The essential condition [dwar il-kompetenza tax-xhud] is that the person shall be of sound mind at the time of being tendered as a witness. If this condition is satisfied, the want of any particular age is not a reason for excluding competence, it being sufficient that the court be satisfied that the witness, though of young age, understands that it is wrong to give false testimony .... **Competency thus***

***depends not on the precise age but upon the actual intelligence of the witness.***

*Our law still makes it essential, however, to the competency of every witness that he should know and accept the obligation of an oath and that he shall in fact be sworn. The principle upon which our law still proceeds is that 'it places no reliance on testimony not given on oath. Consequently no person whatever his age can give testimony upon any trial, civil or criminal, until he has, in the form prescribed by law, given an outward pledge that he considers himself responsible for the truth of what he is about to narrate, and renders himself liable to the temporal penalties of perjury in the event of his wilfully and corruptly giving false evidence' ....*

*If on account of his age or for other reasons it appears doubtful whether a person tendered as a witness understands the obligation of the oath, the court explains this to the witness; and if, notwithstanding such explanation the court shall deem it necessary that the witness, before giving evidence, be further instructed as to*

*the consequence of the false testimony, the court may, if it considers the evidence of such witness to be important for the ends of justice, adjourn the trial to another day and, should the case be before the criminal court, discharge the jury.*

***If the court is not satisfied that the proposed witness can understand the obligation of the oath (nor that he can be instructed as aforesaid) the court is bound to reject that witness as incompetent***[1]*. It cannot hear him without oath (...)"*

Illi rigward il-veracità tax-xhieda tal-minuri ghandu jinghad mill-bidu, li fix-xhieda taghha, l-istess minuri kienet konsistenti u dan ghaliex il-verzjoni taghha giet ikkorroborata mill-verzjoni ta' diversi xhieda li l-prosekuzzjoni ressqet, fosthom ommha u missierha -Omissis-.

Illi min-naha l-ohra l-imputat ghazel li jixhed u kien ghazel li jwiegeb ghad-domandi maghmulin lilu fl-interrogazzjoni tieghu. Tali stqarrija giet esebita minn Dr Lennox Vella u mmarkata bhala

[1] Emfazi tal-Qorti

Dok. LV1. Il-Qorti sejra tiddikjara minn issa li tali stqarrija sejra titqies bhala prova krucjali ghal dan il-kaz odjern u dan *in linea* mar-ragunament ta' diversi sentenzi mill-Qrati nostrani kif ukoll Ewropea[2].

Illi l-istqarrija jikkorrobora perfettament ma' dak li dejjem irriteniet u sahqet il-vittma minuri u turi bic-car li l-akkuzat ammetta li kien ikkorrompa lill-vittma minuri anke jekk il-Qorti tistrieh biss fuq okkazjoni wahda biss. Ghandu jinghad però li filwaqt li jammetti ghal dan ir-reat, l-akkuzat dejjem cahad kategorikament li hu mess il-parti privata tal-vittma minuri.

## Ikkunsidrat

Illi oramaj huwa principju ben stabbilit fil-gurisprudenza nostrana li mhux kull kunflitt fil-provi ghandu jwassal ghal-liberatorja tal-imputat ghaliex il-Qorti hija obbligata li tevalwa l-provi fl-assjem taghhom u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min tista' temmen u f'xiex u dan *multo magis* f'dawn it-tip ta' kawzi meta jkollok verzjoni ta' minorenni versu verzjoni ta' persuna ohra.

[2] **Charles Steven Muscat vs Avukat Generali**, deciza 11/4/2011 u 12/4/2011, Qorti tal-Appell; **Beuze vs Belgium**, deciza 9/11/2018, Grand Chamber tal-Qorti Ewropea; **Farrugia vs Malta**, deciza 4/6/2019, Grand Chamber tal-Qorti Ewropea; **Mark Charles Kenneth Stephens** vs Malta, deciza 14/1/2020, Grand Chamber tal-Qorti Ewropea;

Illi huwa principju bazilari wkoll li r-reat tal-imputat irid jigi ppruvat mill-Prosekuzzjoni ’l hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Dan ifisser li l-grad ta' prova li trid tilhaq il-Prosekuzzjoni hu dak il-grad li ma jhalli ebda dubju dettat mir-raguni u mhux xi grad ta' prova li ma jhalli ebda ombra ta' dubju. Id-dubji ombra ma jistghux jitqiesu bhala dubji dettati mir-raguni. Fi kliem iehor, dak li din il-Qorti trid tasal ghalih hu, li wara li tqis ic-cirkostanzi kollha tal-kaz u l-provi kollha, tkun moralment konvinta minn dak il-fatt li trid tipprova l-Prosekuzzjoni. F’dawn il-kuntesti l-Qorti taghmel referenza ghal dak li qal **Lord Denning**:

> *“Proof beyond a reasonable doubt does not mean proof beyond the shadow of a doubt. The law would fail to protect the community if it admitted fanciful possibilities to deflect the course of justice. If the evidence is so strong against a man as to leave only a remote possibility in his favour, which can be dismissed with the sentence: 'of course it is possible but not in the least probable', the case is proved beyond reasonable doubt, but nothing short of that will suffice”.*

Fis-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubbblika ta' Malta vs Omissis** deciza mill-Qorti Kriminali fil-11 ta' Jannar 2019 inghad:

*"Illi huwa minnu illi dawn il-kazijiet ta' reati kontra l-persuna fosthom stupru, u korruzzjoni ta' minuri hafna drabi jipprezentaw stampa fejn l-provi probatorji ikunu jikkonsistu fix-xhieda taz-zewg persuni involuti f'dan l-event kriminuz u cioe' il-verzjoni tal-minuri u dik tal-persuna akkuzata. Wiehed jghid iswed u l-iehor jghid abjad biex b'hekk ghandhom rwol rizoluttiv, il-kredibilta' u l-attendibilita' ta' xhieda ghas-soluzzjoni tal-vertenza. Din il-kredibilita` u attendibilita f'dawn it-tip ta' kawzi hafna drabi tohrog mill-komportament tax-xhud, oltre l-inkonsistenzi fid-deposizzjoni taghha.*

*Illi inoltre biex tezamina l-kredibilita' tax-xhud, il-Qorti ghandha tezamina d-dettalji ipprezentati quddiemha mhux biss mix-xhieda tal-atturi ewlenin involuti f'din il-vicenda sfortunata, izda ukoll tax-xhieda l-ohra li iddeponew u xhieda ohra li taw il-kontribuzzjoni taghhom professjonali ghar-risoluzzjoni ta' din il-vertenza,*

*ezercizzju li din il-Qorti trid taghmel b'mod konciz u dettaljat."*

Illi fuq dan is-suggett u ghall-kompletezza, qed issir referenza ghall-kawza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Graham Charles Ducker**[3] fejn gie ritenut illi:

*"it is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one."*

Illi wkoll fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** moghtija fit-2 ta' Frar 2012, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

*"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qeghdin jaghtu verzjoni differenti minn ohrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi ghax hemm xhieda*

[3] QA Kriminali – deciza fid-19 ta' Mejju 1997

*differenti bil-fors hemm konflitt li ghandha twassal ghal liberatorja."*

Ukoll fil-kawza **Pulizija vs. Joseph Thorn**[4], il-Qorti qalet:

*"... mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal liberazzjoni tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti f'kaz ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annuncjati fl-Artikolu 637 tal-Kap. 9 u tasal ghal konkluzzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx"*

Illi l-Qorti tinnota li fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. John Pace**[5] inghad is-segwenti:

*"Ma hemm xejn hazin illi l-Qorti tistrih fuq xhud wiehed biss kif del resto hija ntitolata li taghmel permezz ta' l-Artikolu 638(2) tal-Kapitolu 9. Dan l-Artikolu jghid illi xhud wiehed jekk emmnut minn min ghandu jiggudika fuq il-fatt hija bizzejjed biex taghmel prova shiha u kompluta*

[4] QA Kriminali – deciza 9 ta' Lulju 2003
[5] QA Kriminali deciza fil-31 ta' Ottubru 2013

*minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt gie ppruvat minn zewg xhieda jew aktar. Naturalment din ix-xhud tkun trid tigi evalwata fil-kuntest tal-linji gwida moghtija millArtikolu 637 tal-Kapitolu 9".*

Illi l-Qorti rat ukoll dak li jipprovdi Artikolu 637 dwar kif ghandha tanalizza kredibbiltà ta' xhud b'dan illi, *"id-decisjoni tithalla fid-diskrezzjoni ta' min ghandu jiggudika l-fatti, billi jittiehed qies tal-imgieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi ohra tax-xiehda tieghu, u jekk ix- xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal- kaz."*

Illi ghalhekk din il-Qorti jidhrilha li l-verzjoni tal-vittma minuri ghandha titwemmen fit-totalità taghha filwaqt li l-imputat ma kkonvinca bl-ebda mod li sar biss dak li stqarr hu. Din il-Qorti sejra fil-fatt taghmel referenza ghall-istqarrija kif ukoll ghax-xhieda datata disgha (9) ta' Lulju 2024 tal-istess akkuzat fejn minn jeddu ammetta ghall-allegati reati.

Illi di più l-vittma minuri kienet dejjem konsistenti kull darba li kellha tixhed jew tistqarr dak kollu li gara.

__Ikkunsidrat__

Illi linja ta' difiza li l-abbli avukati difensuri tal-akkuzat uzaw kienet dik ta' *corrupta non corrumpitur*. Fuq dan il-kuncett il-Qrati taghna ppronunzjaw ruhhom diversi drabi. Referenza qieghda ssir ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti kif diversament presjeduta fl-ismijiet **Il-Pulizija vs CB** moghtija fl-erbatax (14) ta' Jannar 2016:

> *"Illi ghalkemm dina l-Qorti ma thaddanx il-principju ta' corrupta non corrumpitur, pero' temmen li wiehed irid jara d-dottrina li tohrog minn dan il-principju. Fis-sentenza ta' Repubbklika ta' Malta vs Carmelo Spiteri (20/3/1989) gie spjegat li:*
>
>> *"Huwa fatt li jistghu jinqalghu kazijiet fejn allegat suggett passiv tar-reat ikkontemplat fl-artikolu 203 minhabba hajja dedikata ghal laxxivija u ghall-pjaciri sesswali ikun fi stat ta' travjament morali tant komplet li difficilment wiehed jista' jimmagina kif jista' jigi ulterjorment korrott u kazijiet bhal dawn gieli gew ikkunsidrati minn dawn il-Qrati, izda hu*

> *cert ukoll li l-esperjenza sesswali precedenti mhux necessarjament teskludi l-possibilita' li jkun hemm korruzzjoni ghaliex kif intqal mill-Qorti tal-Apell Kriminali (Sede Inferjuri) in re Il-Pulizija vs George Portelli (2-2-1975, fejn dik il-Qorti abbraccjat it-teorija moderata ta' Maino, "mhux qed jinghad li l-persuna ga parzjalment korrotta ma tistax tigi korrotta izjed. Si tratta ta' kwistjoni ta' bilanc";*

*Fil-kawza fl-ismijiet "Il-Pulizija vs. Lorenzo Baldacchino" [30.3.1963] inoltre intqal hekk:*

> *"Il-persuna korrotta ghandha d-dritt illi ma tigix ulterjorment korrotta, u hadd ma ghandu d-dritt li impunement jispingiha aktar fit-triq tal-korruzzjoni, jew jimpedilha l-possibilta' tar-rigenerazzjoni."*

Illi sentenza ohra li dahlet fid-dettall fuq dan il-kuncett legali kienet dik ta' <u>**The Police vs Jessica Vella et**</u> deciza fid-disgha (9) ta' Lulju tas-sena 2009 mill-Qorti tal-Appell Kriminali:

*"The fact that in this case it results that the minor was very sexually active herself and had already had full sexual intercourse with four men of African origin previously, in no way affects the guilt of appellant. In fact with regard to the related crime of defilement of minors contemplated in article 203 of the Criminal Code, the plea of "corrupta non corrumpitur" has never been entertained by our Courts.*

*As stated by this Court presided over by Mr. Justice William Harding in "Il-Pulizija vs. Carmelo Grech" [18.6.1960] :-*

*"Il-Qrati ta' Malta qatt ma abbraccjaw it-teorija, propunjata minn xi skritturi, illi r-reat ta' korruzzjoni ma jezistix meta lminuri jkun ga totalment korrott. Huma dejjem irritenew illi anki l-minuri korrott ghandu d-dritt li ma jigix ulterjorment korrott, hu x' inhu l-istadju tal-korruzzjoni tieghu."*

*...*

*Therefore, even if - as the defence submits - the minor might have taken a certain degree of initiative to get this "foursome" going on that night and even if appellant might,*

> *to a larger or smaller extent, have been lured into participating in it by the minor herself, this would not acquit her of the crime in question. This Court is qualifying this statement because from a perusal of the evidence it appears that appellant was all too pleased to indulge in this sexual escapade in the company of the minor and she was not all that naïve as the defence would like to make her out to be."*

Illi din il-Qorti sejra tabbraccja r-ragunament ta' dawn is-sentenzi kkwotati u sejra ghalhekk tiskarta d-difiza ta' *corrupta non corrumpitur*.

**Ikkunsidrat**

Illi qed issir referenza ghall-Artikolu 27 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

> *"Jekk il-piena stabbilita mil-ligi li tkun issehh fiz-zmien tal-kawza u dik li kienet issehh fiz-zmien li sar ir-reat ma jkunux xorta wahda, ghandha tinghata l-piena l-anqas gravi."*

Illi din il-Qorti kif diversement preseduta dahlet f'iktar dettall fuq dan il-punt f'sentenza moghtija fid-disgha u ghoxrin (29) ta' Mejju tas-sena 2017 fl-ismijiet <u>**Il-Pulizija vs Saviour Gaffarena et.**</u> Il-Qorti qalet hekk:

> *"Il-Qorti se tirreferi ghal dak li qalet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Virginia Mifsud**, deciza fit-18 ta' Lulju 1922:*
>
> > *"Attesocche e` pacifico in dottrina che, fra la legge penale esistente allorche` l'azione illecita venne commessa e quella vigente nel giorno del giudizio, si deve applicare la legge piu` mite, onde, se, mancando certi estremi che la legge abrogata non richiedeva, cessa il fatto di essere perseguibile secondo la legge nuova, a questa senza esitazione deve attenersi il giudicante, come quella per la quale si favorisce meglio la liberta` dell'imputato. Si veda "Retroattivita della Legge" di Angelo Olivieri Ni. 216 e 222 (Digesto Italiano); il Gabba quivi citato; Cheaveu et Helie "Teorica del Codice Penale*

> *(traduzione diretta del Pessina) Vol. 1 paragrafo 27 pagina 38; Merlin "Repertorio Effetto Retroattivo" paragrafo 11 n. 1; Dalloz: "Repertorio" voce Legge n. 874; Biblioteca del Diritto (versione italiana per cura dello Avvocato Rocca) - Voce Retroattiva delle Leggi paragrafo 13);*

*Hekk ukoll irriteniet il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza taghha tal-21 ta' Frar 1920, fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Agostino Bugeja:***

> *"Attesocche nella moderna dottrina circa l'effetto retroattivo delle leggi penali sono principi che piu` non si discutono, e sono anche sanzionati dalla maggior parte delle legislazioni, i seguenti:-*
>
> *1. La legge penale non puo` avere effetto retroattivo, nel senso che nessuno puo` essere punito per un fatto che secondo la legge del tempo in cui fu commesso non era contemplato e punito come reato;*
>
> *...*

2. *Se la legge penale vigente al tempo del giudizio e ` piu ` mite di quella stabilita dalla legge vigente al tempo della commissione del reato la prima legge viene applicata retroattivamente*

3. *Se la legge penale vigente al tempo del giudizio e ` piu ` severa della legge vigente al tempo della commissione del reato, si giudica secondo quest'ultima legge.*

*Attesocche il nostro Codice Criminale compendia questi ultimi due principi nell'articolo 28, pel quale e ` disposto che quando la pena stabilita nel tempo del giudizio e quella che era comminata al tempo del reato fossero diverse fra loro, sara ` sempre applicata quella di qualita ` meno grave.*

*Invero l'interpretazione del principio sanzionato col detto articolo 28 delle nostre Leggi Criminali, che, cioe, quando vi ha differenza fra la legge penale anteriore e la nuova una azione commessa prima della attuazione della legge nuova ma sottoposta a*

*guidizio posteriormente, deve essere giudicata con quella fra le due leggi penali che nel confronto apparisca piu` mite, non deve intendersi letteralmente ristretto al solo caso in cui la legge posteriore commini una pena meno grave ma di logica e di giustizia deve estendersi anche al caso in cui la legge posteriore dichiari che il fatto punibile sotto la antica legge non costituisce piu` reato: di logica, perche` maggior mitezza puo` dirsi non solo per riguardo a quella legge che commina una pena minore, ma eziandio in riguardo a quella che non ne commina alcuna; di giustizia, perche la legge non puo` contraddire se stessa, per dare efficacia retroattiva alla legge posteriore solo quando questa stabilisce una pena meno grave a negare poi tale efficacia retroattiva alla legge posteriore la quale, piu` che diminuire elimini qualsiasi pena"*[6]

Illi l-Qorti analizzat il-ligijiet li fuqhom huma msejsin l-akkuzi odjerni fiz-zmien li sehhew l-allegati incidenti u jirrizultalha li l-

[6] Emfazi ta' din il-Qorti

pieni huma ferm inqas minn dawk li jinsabu fil-Kodici kif emendat illum il-gurnata.

Illi tenut kont tal-kazistika citata, kif ukoll dak li jtenni l-Artikolu 27 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, din il-Qorti ghandha tapplika l-provvedimenti tal-Kodici Kriminali hekk kif kien promulgat fiz-zmien li sehhew l-allegati reati.

<u>**Ikkunsidrat**</u>

Illi l-imputat qed jigi akkuzat bir-reat ta' korruzzjoni ta' minuri taht l-Artikolu 203 (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li fiz-zmien li sehh l-allegat reat kien jghid hekk:

> *"Kull min, b'eghmil zieni, jikkorrompi persuna ta' taht l-età, tas-sess il-wiehed jew l-iehor, jehel, meta jinsab hati, il-piena ta' prigunerija ghal zmien mhux izjed minn tliet* snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha."

Illi fin-noti tieghu dwar id-dritt penali, il-**Professur Mamo** jelenka l-elementi legali rikjesti sabiex tirnexxi dina l-azzjoni penali. Fi kliemu jghid illi dana r-reat:

*"deals with those lustful acts not consisting in carnal knowledge or attempted carnal knowledge with violence, whether actual or constructive, committed on the person or in the presence of any individual, whether male or female, and capable of defiling such individual."*

Kwindi l-ewwel (1) element rikjest hija l-età tal-allegata vittma li per forza trid tkun minorenni; it-tieni (2) element imbaghad, jikkostitwixxi l-element materjali tar-reat u cioè l-ghemil zieni.

*"Lewd conduct is any unlawful act committed by an individual with the purpose of arousing the libido or sexual interest of themselves or the person towards whom this action is directed."*

Il-Professur Mamo ikompli jghid li:

*"this expression does not include mere words, or any picture, book or representation, though obscene, or other indecent facts which affect only the moral sense. These do not constitute the crime in question. It is required that the defilement be by lewd acts, which acts must be committed*

*either on the person of the minor or at least in his presence"*.

Isostni wkoll illi:

*"to take a different view would be to ignore the obvious spirit of the law in creating the crime, that is the desire to protect youth from the pernicious effects of moral defilement and, therefore also from all those acts, which, although they take place without physical contacts, are nevertheless inherently intended to defile."* Il-Professur Mamo jiddeskrivi dawn l- atti bhala: *"inclusive of all acts directed to the indulgence of the sexual appetite."*

Fl-ahhar nett it-tielet (3) element rikjest huwa l-att tal-korruzzjoni. Ghalkemm kien hemm guristi li ma qablux dwar il-fatt jekk minuri li digà huwa korrott jistax ikun soggett ghal korruzzjoni u kwindi jistax jaqa' vittma ta' dana r-reat, madanakollu l-qrati taghna dejjem sahqu illi l-fatt illi minuri jkun digà gie soggett ghal korruzzjoni ma jeskludix il-kummissjoni ta' dana r-reat fil-konfront tieghu (ghalkemm mhux dan hu l-kaz inezami). Ghal dak li jirrigwarda mbaghad il-*mens rea* rikjesta

ghall-kummissjoni tar-reat tal-korruzzjoni tal-minorenni l-Professur Mamo huwa tal-fehma illi ma hijiex necessarja xi intenzjoni specifika wara l-kummissjoni ta' dana r-reat:

> *"The defilement whether intended or not, must be considered as a necessary consequence of the lewd acts themselves, leaving it in every case to those who are to judge to determine whether they were calculated to defile."*

Illi certament ma jonqosx illi din il-Qorti f'dan il-kuntest tikkwota l-kaz per eccellenza ta' dan ir-reat deciz mill-Qorti tal-Appell Kriminali u cioè **Il-Pulizija vs Thomas Wiffen**, deciza fit-8 ta' Jannar 1996, per Prim Imhallef Dr Vincent De Geatano fejn gie deciz:

> *"Lewd acts are therefore all those acts "diretti ad eccitare la propria concupiscenza verso piaceri carnali turpi per se stessi o per le circostanze in cui si cerca di provocarli, ovvero diretti a sodisfare siffatta concupiscenza" (Manzini, V., op. cit., p. 359). The duration of these acts is immaterial for the notion of a lewd act. There is no doubt in the mind of this Court that the touching of the breasts or of the private parts of a young girl -- in the case under*

*examination appellant's daughter was not yet twelve years old when the first acts were performed -- with the intention either of gratifying one's libidinous tendencies or of arousing the sexual interest of the said girl, are lewd acts.*

*'As to the requirement of the actual defilement, this is obviously not something that can be measured with any known specific instrument, but it is something which has to be assessed by the appointed Judge – the lay Judge in the case of a trial by jury, the professional Magistrate or Judge in all other cases – taking into account all the circumstances of the case, including in particular, the age of the victim and the nature of the act or acts."*

Illi l-**Qorti tal-Kassazzjoni Taljana** (Cass. pen. n. 3196/2009) dahlet f'din id-definizzjoni fejn qalet is-segwenti:

*"Il delitto di corruzione di minorenne e quello di atti osceni in luogo pubblico concorrono formalmente se la condotta dell'agente non si limita ad offendere il pudore o l'onore sessuale, ma è posta in essere anche in modo da*

*coinvolgere emotivamente la persona offesa. (Fattispecie nella quale il reo aveva esibito in una pubblica via il proprio organo sessuale, afferrandolo prima con una e poi con entrambe le mani alla presenza di una minore cui lo aveva mostrato).”*

Illi finalment fuq dan il-punt il-Qorti ta’ Kassazzjoni Taljana **(Cass. pen. n. 44681/2005 – 7/12/2005)** ikkummentat fis-sens illi:

*“Il bene giuridico tutelato nel delitto di corruzione di minorenni consiste nella salvaguardia di un sereno sviluppo psichico della sfera sessuale di soggetti di età minore, che non deve essere turbato dal trauma che può derivare dall'assistere ad atti sessuali compiuti con ostentazione da altri.”*

Illi prova tal-allegat korruzzjoni ta’ minuri hu prevalenti fl-istqarrija tal-akkuzat fejn a fol 119 *et sequitur* tal-atti processwali jinghad hekk:

*“Spettur John Spiteri:* *-Omissis- u inti x’ghandek xi tghidilna dwar dan?*

| | |
|---|---|
| *-Omissis-:* | *Iddispjacini hafna.* |

*...*

| | |
|---|---|
| *Spettur John Sptieri:* | *Jigifieri missejtilha il-parti ta' fuq?* |
| *-Omissis-:* | *Breast.* |

*...*

| | |
|---|---|
| *Spettur John Spiteri:* | *U inti missejtilha, il-massage ghamiltulha minn fuq ix-xugaman?* |
| *-Omissis-:* | *Minn taht."* |

Illi fl-istess stqarrija l-akkuzat jikkummenta hekk rigward l-allegat incident li sehh fuq is-sufan a fol. 126 tal-atti processwali:

| | |
|---|---|
| *"Spettur John Spiteri:* | *U dakinhar ukoll missejtilha sidirha?* |
| *-Omissis-:* | *Iva, imma mhux minn taht.* |

*...*

| | |
|---|---|
| *Spettur John Sptieri:* | *U barra sidirha, poggejt idejk fuq il-parti taghha minn fuq il-hwejjeg ukoll?* |

| | |
|---|---|
| *-Omissis-:* | *Nizzilt idejja 'l isfel imma ma qaghadtx.* |
| *Spettur Kylie Borg:* | *Poggejt idejk?* |
| *Spettur John Spiteri:* | *Fuq il-parti privata taghha? Imma minn fuq il-hwejjeg jew minn taht il-hwejjeg?* |
| *-Omissis-:* | *Fuq il-hwejjeg.* |
| *Spettur John Spiteri:* | *Isfel fejn? Fuq zaqqha jew fuq il-parti taghha?* |
| *-Omissis-:* | *'L isfel qisu, 'l isfel mill-istonku nghidlu jiena.* |
| *Spettur John Spiteri:* | *Vicin il-parti privata taghha?* |
| *-Omissis-:* | *Mhm.* |
| *Spettur John Spiteri:* | *U hi dak il-hin qaltlek stop?* |
| *-Omissis-:* | *Ijja."* |

Illi di più l-Qorti tfakkar li anke meta xehed minn jeddu l-imputat, hu stess ammetta hekk a fol. 238 *et sequitur* tal-atti processwali:

| | |
|---|---|
| *"Xhud:* | *Li gara t-tifla kellha dahra jugghaha u qaltli biex naghmilha l-cream fuq dahra u* |

*ghamiltilha l-cream fuq dahra u missejtilha sidirha minn taht ix-xugaman.*

...

*Qorti:* *Ikkonfermali jekk missejtiliex sidirha taht ix-xugaman jew fuq ix-xugaman?*

*Xhud:* *Taht ix-xugaman."*

Illi l-unika difiza li l-akkuzat ressaq fix-xhieda tieghu li dawn il-proceduri odjerni huma frott ta' vendetta personali li kellha l-vittma minuri fil-konfront tieghu stante li hu kien jipprova jiddixxiplinaha. Il-Qorti tirrimarka illi, li kieku kien il-kaz iregi li l-akkuzat kien fil-fatt jistqarr hekk fl-interrogazzjoni tieghu izda dan ma sehhx. Difiza ohra li l-akkuzat ipprova jargumenta kienet li hu kien qieghed ikollu problema t'erezzjoni stante procedura medika li kellu jwettaq. Il-Qorti però tinnota li d-difiza ma pprezentat ebda certifikat mediku sabiex tissostanzja din id-difiza.

Ghalhekk iregi li l-ewwel (1) akkuza kif dedotta kontra l-akkuzat giet ppruvata u ghandu jinsab hati ta' dan ir-reat.

<u>**Ikkunsidrat**</u>

Illi l-imputat -Omissis- qed jigi akkuzat ukoll taht l-Artikolu 204C (1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta li fiz-zmien li sehh l-allegat reat kien jghid hekk:

*"Kull min jippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht l-età jista', meta jinsab hati, jehel prigunerija ghal zmien mhux izjed minn hames snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha."*

Illi f'dan il-kaz stante li gie ppruvat li l-akkuzat ikkorrompa lill-vittma minuri dan ir-reat gie ppruvat sal-grad rikjest. Di più ghandu jinghad li l-atti sehhew minghajr il-kunsens u dan gie ppruvat tramite dak li stqarr l-akkuzat fl-istqarrija tieghu a fol. 126 tal-atti processwali:

*"Spettur John Spiteri: U hi dak il-hin qaltlek stop?*

*-Omissis-: Ijja.*

*Spettur John Spiteri: Jew fix-hin qaltlek stop?*

*-Omissis-: Dak il-hin."*

Ghalhekk il-Qorti sejra ssib htija fuq it-tieni (2) akkuza kif dedotta kontra l-akkuzat.

## Ikkunsidrat

Illi ghandu jinghad li hareg bic-car li l-vittma minuri kienet taht il-kura tal-akkuzat stante li hu kien f'relazzjoni intima ghal madwar sentejn m'omm l-istess vittma minuri. Tant hu minnu li qatt ma giet ikkontestata l-fatt li l-vittma minuri kienet tirreferi ghall-akkuzat bil-kelma "daddy". Il-Qorti tirrimarka li l-aggravju kif dettat mill-Artikolu 203 (1)(c) tal-Kodici Kriminali ghandu jigi applikat f'din is-sitwazzjoni u cioè:

> *"Izda, il-piena ghal dan id-delitt tkun ta' prigunerija minn tliet snin sa sitt snin, bir-rekluzjoni jew minghajrha, f'kull wiehed mill-kazijiet li gejjin:*
>
> *c. Jekk id-delitt isir minn axxendent, mid-demm jew bi zwieg, jew minn kwalunkwe wiehed mill-genituri adottivi, jew mit-tutur tal-minuri, jew minn haddiehor li lilu, imqar jekk ghal xi zmien, ikun gie fdat il-minuri sabiex jiehu hsiebu, jedukah, jghallmu, jindukrah jew izommu."*

**Ikkunsidrat**

Illi ghalhekk din il-Qorti tqis li dan huwa kaz fejn l-akkuzat kjarament ma jafx x'inhuma l-boundaries personali u anke versu l-minuri li kienet qieghda tghix fl-istess dar mieghu. Il-Qorti qatt ma tista' taccetta skuza jew difiza tal-akkuzat meta jghid li kien ikun influwenzat b'xi mod jew iehor mill-inbid, jew inkella li dan kollu kien frott ta' ribelljoni da parti tal-vittma minuri peress li kien jiddixxiplinaha.

Illi l-Qorti tqis li minkejja li l-imputat wera xi forma ta' rimors dan kollu jista' jitqies bhala dmugh tal-kukkudrilli. L-akkuzat jipprova jaghti l-impressjoni li seta' kien hemm relazzjoni pjuttost hazina bejnu u bejn il-missier naturali. Il-provi fl-atti processwali però juru stampa ohra fis-sens li fil-verità kien imur tajjeb hafna mal-missier naturali.

**Decide**

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 17, 18, 31, 203 (1) (qabel ma dahal l-att XIII ta' 2018), 204C (1) (qabel ma dahal l-att XIII ta' 2018) u 208AC (1)(b)(g) (qabel ma dahal l-att LXIV ta' 2021) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **-Omissis-** hati

tal-akkuzi kollha kif dedotti kontrih u stante li t-tieni (2) akkuza hija mezz ghal fini tal-ewwel (1) akkuza, tikkundannah ghal erba' (4) snin prigunerija effettivi.

In oltre, u a bazi tal-Artikolu 382A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, timponi fuq l-imputat **-Omissis-** ghal Ordni ta' Trazzin a favur il-parte civile ghal zmien tliet (3) snin u liema ordni ghandha tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

In oltre, u a bazi tal-Kapitolu 518 tal-Ligijiet ta' Malta tordna li isem l-imputat **-Omissis-** jitpogga fir-Registru mwaqqaf a bazi ta' dan l-Att u konsegwentement tordna kopja ta' din is-sentenza tigi notifikata lir-Registratur tal-Qrati ghall-annotazzjoni necessarji.

Finalment, bl-applikazzjoni tal-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-imputat **-Omissis-** jhallas l-ammont ta' hamsa u erbghin ewro u sittin centezmu (€45.60) rapprezentanti spejjez peritali naxxenti minn din il-kawza.

---

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**
**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**
**Deputat Registratur**